**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR NATASHA GALEA SCIBERRAS**

**Kawża Numru: 219/2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Cassar)**

**vs**

**Andrea Tassisto**
**(Passaport Taljan AA3486055)**

**Illum, 24 ta' April 2019**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Andrea Tassisto**, iben Massimo u Marina nee` Ghiorzo, imwieled Chiavari, Italja nhar il-5 ta' Marzu 1986, u residenti 30, Sweet Haven, Fl 11, Triq il-Ġiebja, Swieqi, detentur tal-passaport Taljan bin-numru AA3486055;

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fl-20 ta' Settembru 2015 u fix-xhur ta' qabel din id-data:

a) Ipproduċa, biegħ jew xort'oħra traffika r-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi dina r-raża, u dan bi ksur ta' l-Art. 8(b) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża bi ksur ta' l-Art. 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinetx għall-użu esklussiv tiegħu;

c) Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża bi ksur ta' l-Art 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

F'każ ta' ħtija, il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex tordna lill-akkużat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex dan il-każ jinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat wieġeb li mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok għal dan il-każ kienu s-segwenti: Nhar l-20 ta' Settembru 2015, għall-ħabta tan-12:30 a.m., waqt ronda li kienet qegħda ssir mill-pulizija ġewwa Pembroke ossia PC 674 Nigel Mallia u PC 850 Stephen Micallef, intlemħet vettura reġistrata l-Italja li fiha kien hemm tlett ġuvintur, wieħed minnhom l-imputat odjern u tfalja, ċerta Chiara Mangio. L-Uffiċjali tal-Pulizija ressqu lejn il-vettura u fil-waqt illi PC 850 avviċina n-naħa tax-xufier ossia l-imputat u qallu biex joħroġ mill-vettura biex ikellmu, PC 674 li fil-frattemp avviċina n-naħa tal-passiġġier, osserva li l-imputat bħal beda jaħbi xi ħaġa u għalhekk ġibed l-attenzjoni dwar dan lil PC 850. Saret tfittxija lill-imputat, waqt liema tfittxija nstablu *joint* imrembel u sustanza kannella f'*pouch* li kien jinsab fuq riġlejh. Tfittxija fil-vettura

u fuq il-persuni l-oħra preżenti rriżultat fin-negattiv. Iżjed tard saret tfittxija fir-residenza tal-imputat fejn instabu iżjed sustanzi suspettati droga, żewġ *crushers*, miżien elettroniku, ammont ta' flus u karti b'xi notamenti fuqhom. L-imputat ġie arrestat u rrilaxxja stqarrija lill-pulizija dakinhar stess fis-12:40 hrs.

**L-Ispettur Jonathan Cassar** xehed dwar dak li kien ġie rapportat lilu minn PC 850 u PC 674, u dwar l-istħarriġ li huwa wettaq wara li l-imputat ġie meħud fl-uffiċju tiegħu għal investigazzjoni ulterjuri. Ix-xhud esebixxa l-istqarrija tal-imputat[1], id-dikjarazzjazjoni tal-imputat dwar rifjut tal-jedd għall-parir legali, żewġ *mobile phones* li nstabu fil-pussess tal-imputat, sustanza u *joint*, miżien, żewġ *crushers*, karti bin-notamenti u s-somma ta' €1,705.[2]

**PC 674 Nigel Mallia** u **PC 850 Stephen Micallef** xehdu illi nhar l-20 ta Settembru 2015 għall-ħabta tan-12.30 a.m. kienu qegħdin jagħmlu ronda u fil-viċinanzi tas-*shooting ranges* ta' Pembroke lemħu vettura tal-għamla Fiat bi pjanċi Taljani, li fiha kien hemm tlett ġuvintur u tfalja. Fil-waqt illi PC 850 talab lix-xufier tal-vettura ossia lill-imputat sabiex joħroġ minnha, PC 674 li dak il-ħin kien fuq in-naħa tal-passiġġier, lemaħ lill-istess imputat bħal jaħbi xi ħaġa u għalhekk għarraf b'dan lil PC 850, li da parti tiegħu għamel tfittxija u f'*pouch* li kien jinsab fuq riġlejn l-imputat, instabu *joint* u sustanza kannella suspettata droga. Tfittxija ulterjuri rriżultat fin-negattiv. Skont PC 674, ġie elevat il-*mobile* tal-imputat. Jgħidu wkoll illi wara din is-sejba, huma talbu lill-imputat għal dokument ta' identifikazzjoni u dan infurmahom illi l-passaport kien jinsab ġewwa r-residenza tiegħu. Tahom l-indirizz tar-residenza, iżda kien jidher aġitat ferm u għall-ewwel bħal ma riedhomx jidħlu miegħu fir-residenza, imbagħad ried jidħol qabilhom. Hekk kif daħlu fil-kamra tiegħu ġewwa r-residenza u l-imputat beda jfittex il-passaport fuq is-sodda b'ċerta għaġla, innutaw karti b'xi notamenti fuq gradenza u għalhekk għażlu li jwettqu tfittxija ulterjuri fil-kamra tal-imputat. Fl-istess kamra, f'bagalja, sabu tliet *envelopes* bi flus kontanti, li b'kollox kienu jammontaw għas-somma ta' madwar €1,700. Fil-gwardarobba, f'*pouch* instabet kaxxa bajda li kien fiha sustanza suspettata raża tal-*cannabis*, konsistenti f'iżjed minn biċċa waħda u miżien elettroniku, apparti affarijiet oħrajn relatati mad-droga.[3]

Mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, maħtur f'dawn il-proċeduri sabiex jagħmel analiżi fuq is-sustanzi u l-oġġetti esebiti bħala Dokumenti JC 7 u JC 8, jirriżulta illi huwa ngħata *envelope* kannella immarkat S/B/476/2015 kontenenti (a) *evidence bag* bin-numru S00829022 li kien fih flus; (b) evidence bag bin-numru

[1] Ara a fol. 31 u 32 tal-proċess.
[2] A fol. 23 sa 30 tal-proċess.
[3] Ara x-xhieda ta' PC 674 Nigel Mallia, a fol. 12 sa 20 tal-proċess u x-xhieda ta' PC 850 Stephen Micallef, a fol. 34 sa 37 tal-proċess.

S00829021 li fuqha kien hemm mitkub: *"Time/Date Seized/Produced* *20/09/2015 00:30Hrs* *Where Seized/Produced* *Andrea Tassisto Pass AAA3486055* *Seized/Produced By* *PC850, PC674* kontenenti (i) 2 biċċiet sustanzi ta' lewn kannella (ii) pouch tad-drapp vojt (iii) borża b'xi traċċi u (iv) *joint*; (c) u *evidence bag* bin-numru M00104947 li fuqu kien hemm mitkub: *"Time/Date Seized/Produced* *20/09/2015* *Where Seized/Produced* *Andrea Tassisto's room at 30, Sweet Haven, Fl 1, Triq il-Ġiebja, Swieqi* *Seized/Produced By* *PC850, PC674* kontenenti (i) 2 *crushers* (ii) miżien (iii) kaxxa tal-metall ta' lewn il-fidda li fiha żewġ sustanzi ta' lewn kannella.

L-espert nominat ikkonkluda bil-mod segwenti dwar dan id-dokument:

a) Fl-estratti meħuda mis-sustanzi ta' lewn kannella fuq indikati nstabet is-sustanza *Tetrahyrdocannabinol*. Il-piż tas-sustanzi kien ta' 30.89 grammi u l-purita` kienet ta' ċirka 6.5%. Din is-sustanza tiġi mill-pjanta tal-kannabis u hija kkontrollata bil-liġi taħt it-Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) Fuq estratt meħud mill-*joint* instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol*. Il-*joint* kien fl-istess borża jmiss mas-sustanzi ta' lewn kannella li rriżultaw pożittivi għal *THC*. Għalhekk l-espert ma setax jikkonkludi jekk il-*joint* irriżultax posittiv għas-sustanza *THC* għaliex din is-sustanza kienet fil-*joint* jew inkella għaliex il-*joint* kien qed imiss mas-sustanzi ta' lewn kannella;

c) Fuq swabs meħuda mill-*crushers*, mill-borża u mill-miżien instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol*.[4]

**Dr. Martin Bajada** ġie maħtur fil-mori ta' dawn il-proċeduri sabiex iniżżel il-kontenut taż-żewġ *mobile phones* esebiti bħala Dokument JC 6. Mir-relazzjoni tiegħu, jirriżulta illi wieħed minn dawn iċ-ċellulari ossia l-*iPhone 5*, kien imsakkar b'*passcode* u għalhekk ma kienx possibbli li jiġi estratt il-kontenut tal-istess.[5]

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat **Andrea Tassisto** għażel illi jixhed f'dawn il-proċeduri.[6] Huwa jgħid illi kien ilu Malta mis-26 ta' Jannar 2015. Jgħid illi huwa dejjem pejjep ħafna (b'referenza għall-ħaxixa) u li meta kien ikollu ħafna uġiegħ ta' ras, kien ipejjep iżjed minn għaxar *joints* kuljum. Jgħid ukoll illi kien jaħdem, iżda meta kien ikollu

[4] Ara din ir-relazzjoni a fol. 98 *et seq* tal-proċess.
[5] Ara din ir-relazzjoni a fol. 59 *et seq* tal-proċess.
[6] Ara x-xhieda tiegħu, a fol. 125 sa 150 tal-proċess.

l-ħin kien ipejjep bejn għaxar u ħmistax-il *joint* kuljum. Skont l-imputat, il-ħaxixa ġewwa l-Italja kienet tiswa ħafna inqas milli f'Malta. Fil-waqt illi f'Malta din tiswa bejn €13 u €15-il gramma u anke iżjed minn €15, fl-Italja kien jixtriha €6 jew €7 il-gramma.

Jgħid ukoll illi bejn Jannar u Marzu 2015, huwa kien beda skola ġewwa *Baystreet* u li fil-bidu ta' Marzu kien mar ġimgħa ġewwa l-Italja u rritorna lura Malta bil-vettura tiegħu. Jgħid illi mal-wasla tiegħu, huwa sab impjieg ġewwa ir-*restaurant Piccolo Padre*. Sa dakinhar tax-xhieda tiegħu, kien għadu jaħdem hemm. Jgħid illi huwa kien ltaqa ma' persuna ta' nazzjonalita` Taljana, Chiara Mangio u magħha kien beda relazzjoni ta' mħabba. Jgħid illi t-tfajla kienet taf li huwa jpejjep il-*cannabis* u xi kultant pejjpet miegħu wkoll, iżda dejjem qaltlu li kien ipejjep wisq u li kien jeħtieġ li jnaqqas il-konsum tad-droga.

B'referenza għal dakinhar tal-arrest tiegħu, l-imputat jgħid illi dakinhar kien għeluq snin Chiara Mangio. Jgħid illi kien spiċċa xogħol għall-ħabta ta' nofs il-lejl u kien għadda għal Chiara Mangio, għal ħuha u kollega ieħor tagħhom fuq il-post tax-xogħol tagħhom u rħewlha bil-vettura tiegħu lejn Pembroke, ħdejn il-baħar. Jgħid illi huwa kien ħa d-droga miegħu u l-ewwel ħaġa li għamel x'ħin ipparkja kien li pprepara *joint*. Jgħid ukoll illi kien għadu kemm qabbad dan il-*joint* meta avviċinawh il-pulizija, u ammetta li kull ma nstab kien tiegħu. Jgħid illi kien hemm pakkett tabakk u ġewwa kellu r-raża. Jgħid ukoll illi l-piż tad-droga li kellu fuqu kienet ta' 8.5 grammi, u li kien wiżinha qabel qasamha. Dak il-ħin ma kellux miżien u kien għadu kemm għamel *joint* u allura kellu xi gramma inqas. Iżid jgħid illi peress li kien għarraf lill-pulizija illi l-passaport kien qiegħed fir-residenza tiegħu, huwa kien ġie akkumpanjat hemmhekk sabiex iġib l-istess dokument. Jgħid ukoll illi dak iż-żmien huwa kien jgħix f'fond ma' żewġ persuni oħra Marokkini u li huwa kien l-unika Taljan. Hemmhekk kien jikri kamra li ma kinitx tissakkar u li kien beda jikriha f'Mejju 2015.

B'referenza għal din il-kamra l-imputat jgħid illi meta daħal fiha, din kien fiha skrivanija mimlija affarijiet, fosthom karti, kotba, alarm u xi statwi, inkluż xi bagalji li ma kinux tiegħu u jisħaq illi l-karta li ġiet elevata mill-pulizija mill-istess kamra żgur ma kinitx tiegħu. Jgħid ukoll illi minn ġol-kamra, mill-bagalja tiegħu li kien iżommha msakkra stante illi l-kamra ma kinitx tissakkar, ġiet elevata s-somma ta' €1,705, ossia l-paga mill-impjieg tiegħu ġewwa l-*Piccolo Padre* li kien ġemma' minn Mejja sa dakinhar. Jispega wkoll illi l-paga kien iżommha fi flus kontanti fil-bagalja peress li ma kienx faċli li wieħed jiftaħ kont bankarju f'Malta. Jgħid ukoll li l-pulizija kienu sabu miżien, liema miżien huwa kien ġabu mill-Italja u kien jużah sabiex jara kemm verament kien qiegħed jingħata droga meta jixtri, apparti li kien jużah ukoll biex jara kemm ser jibqagħlu droga. Dwar id-droga misjuba f'din il-

kamra l-imputat jgħid li din instabet fil-gwardarabba tal-kamra u li kienet tiżen 22 grammi. Jgħid ukoll illi din kienet tiegħu u li kien għadu kemm qata' minnha l-biċċa żgħira li nstabet fil-pussess tiegħu.

Mistoqsi mid-difiża kemm kien joħroġ *joints* mill-ammont ta' droga li kellu fil-pussess tiegħu, l-imputat jgħid illi qabel iltaqa' ma' Chiara huwa kien ipejjep 22 grammi f'ġimgħa u anke f'inqas żmien. Iżda mbagħad Chiara bdiet titolbu biex jieqaf. Jgħid ukoll illi d-droga kollha misjuba fil-pussess tiegħu kien xtraha fl-aħħar ta' Mejju 2015, bil-prezz ta' €400 u li kien xtara kważi 40 gramma. Huwa esebixxa wkoll il-*payslips* tal-introjtu mill-impjieg tiegħu mill-20 ta' April 2015 sal-20 ta' Settembru 2015. Jgħid ukoll illi huwa qatt ma biegħ droga, iżda kien jużaha biss għall-użu personali tiegħu.

In kontro-eżami, l-imputat jikkonferma li huwa kien ipejjep ħafna ħaxixa, iżda t-tfajla tiegħu kkonvinċietu biex inaqqas l-ammont li kien jikkonsma. Jgħid ukoll illi dan seħħ meta ltaqa' magħha u li kien ilu jafha minn April jew Mejju 2015. Bdew joħorġu flimkien bil-mod il-mod, xi kultant kien jpejjpu l-ħaxixa flimkien u li kienet tarah meta kien ipejjep. Kien għall-ħabta ta' Ġunju jew Lulju 2015 li kkonvinċietu jnaqqas l-użu tad-droga. Jgħid illi xi kultant kien jiżen id-droga li kien jitfa' f'*joint* għalkemm mhux dejjem kien jagħmel dan u b'referenza għal dik il-parti tax-xhieda tiegħu fejn qal illi kien ipejjep madwar 22 gramma fil-ġimgħa, jgħid illi huwa qal illi "*stajt anke npejjep 22 gramma fil-ġimgħa jekk ma kellix x'nagħmel*".[7] Jgħid ukoll illi huwa beda jaħdem *Piccolo Padre*, ħlief għal jumejn fil-ġimgħa u allura meta kien ikun xogħol ma setax ipejjep ħafna, ħlief għal *joint* jew tnejn filgħodu. Jgħid illi ma kienx ipejjep kuljum, iżda jgħid illi meta kien iqum xi siegħa qabel filgħodu, kien ipejjep *joint*. Kien ipejjep darbtejn jew tlieta fil-ġimgħa, speċjalment meta ma kienx ikun xogħol u li f'dawn il-jiem, kien ipejjep żewġ, tlieta jew erba' grammi, skont il-ġurnata u ġieli xejn ukoll. Ma kinitx xi ħaġa regolari jew b'*pattern*. Kien hemm ġranet li fihom kien ipejjep u oħrajn fejn ma kienx, skont x'ikollu x'jagħmel. F'Malta kien xtara droga darbtejn; l-ewwel darba meta wasal f'Jannar kien xtara biżżejjed għal tliet *joints* u b'kollox kien xtara żewġ jew tliet grammi. F'dak iż-żmien ma kienx pejjep aktar għax kien imur skola. Imbagħad f'Mejju xtara xi 35 gramma biex ma joqgħodx ifittex minn fejn jixtri u għaliex f'dak il-perjodu kellu aptit jixtri d-droga. Diġa` kien ma' Chiara li għenitu biex ipejjep anqas dak iż-żmien u allura għalkemm kien xtraha ma kienx pejjipha. F'Settembru 2015, imbagħad, kien fadallu 30 gramma mill-35 gramma li kien xtara, jiġifieri ma tantx pejjep għaliex ipprova jnaqqas, anke tenut kont tal-fatt li Malta r-raża kienet iżjed għolja. Jgħid ukoll illi l-uniku introjtu li kellu dak iż-żmien kien mill-*Piccolo Padre*

[7] Ara a fol. 143 tal-proċess.

u kien iħallas kera ta' €250 fix-xahar. In oltre kien joħroġ madwar €50 għad-dawl u l-ilma għalkemm mhux kull xahar. Kellu wkoll il-karozza tiegħu.

**Chiara Mangio** tgħid illi hija ltaqgħet mal-imputat f'Mejju 2015, u bdew ikunu flimkien ta' spiss minn Awissu tal-istess sena. Hija tgħid li l-imputat kien spiss ipejjep il-*cannabis* quddiemha u kellu l-vizzju, tant li skont hi, f'ġurnata li fiha ma kienx ikun xogħol kien anke jpejjep seba' jew tmien *joints* f'ġurnata u li waqt li kienu f'relazzjoni, bdiet tipprova tikkonvinċih inaqqas l-użu tagħha. Tgħid illi fil-fatt hekk ġara ossia li l-imputat beda jnaqqas bil-mod u beda jużaha b'mod aktar limitat, fil-ġranet liberi. Dak inhar ta' l-arrest tiegħu, li kien jaħbat għeluq sninha, hi u l-imputat riedu jagħmlu xi ħaġa mal-ħbieb intimi tagħhom u għalhekk marru Pembroke sabiex jieħdu *joint*. Tgħid illi d-droga kien ġabha l-imputat.[8]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi kif ingħad iżjed 'il fuq, l-imputat irrilaxxja stqarrija nhar l-20 ta' Settembru 2015, wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi, kif ukoll id-dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, liema dritt huwa għażel li ma jeżerċitahx. L-imputat ma ngħatax id-dritt li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogatorju tiegħu stante li dan id-dritt ma kienx viġenti fil-liġi Maltija fiż-żmien tal-każ odjern. Fil-fatt dan id-dritt daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

Il-Qorti hawnhekk tirreferi għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018, fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**, f'liema każ fl-istqarrijiet tiegħu, ir-rikorrenti minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija, kien ingħata parir mingħand l-avukat tiegħu li f'dak l-istadju ma jgħid xejn lill-pulizija, huwa xorta waħda rrisponda għad-domandi waqt l-interrogatorju li sarlu, bir-riżultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti għalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm għall-użu personali tiegħu, kif ukoll sabiex ibiegħ minnha lil terzi. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti mingħajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu:

"*36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm*

[8] Ara a fol. 153 sa 160 tal-proċess.

*il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.*

*37. Fid-dawl tal-premess it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali.*" [sottolinear tal-Qorti]

Allura minkejja illi r-rikorrenti f'dak il-każ, kien ingħata l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel l-ewwel interrogatorju tiegħu u anke eżerċita dan il-jedd, il-Qorti ordnat illi l-istqarrijiet tiegħu ma jitħallewx fl-inkartament la darba kien ser ikollhom impatt fuq l-eżitu tal-proċess kriminali u dan stante illi ma ngħatax il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu. Din kienet ukoll il-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminal fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claire Farrugia**, f'liema każ dik il-Qorti skartat bħala inammissibbli l-istqarrijiet tal-imputata, waħda minnhom ġuramentata, u dan għaliex għalkemm hija ngħatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet tagħha, liema dritt bħal fil-każ odjern hija għażlet li ma teżercitahx, madankollu hija ma ngħatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx għadu viġenti fiż-żmien in kwistjoni.

Iżjed riċenti mbagħad, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella** tal-14 ta' Diċembru 2018, f'liema każ l-appellat kien ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tiegħu u anke eżerċitah, iżda ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l-interrogatorju, stante illi anke f'dak il-każ, fiż-żmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija, il-Qorti Kostituzzjonali reġgħet irribadiet il-konklużjonijiet tagħha fis-sentenza preċedenti fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**:

"*14. Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq,*

*fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu.*"

Fid-dawl ta' dawn is-sentenzi u anke tal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna u tal-Qorti Ewropea hemmhekk ċitati, il-Qorti ser tiskarta l-istqarrija tal-imputat odjern, kif ukoll kwalunkwe referenza għal tali stqarrija u għal kwalunkwe dikjarazzjoni tal-imputat, anke lill-Uffiċjali tal-Pulizija li għamlu t-tfittxija, bħala inammissibbli.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi kemm mix-xhieda ta' l-imputat inniffsu u tat-tfajla tiegħu, Chiara Mangio, kif ukoll mit-trattazzjoni finali tad-difiża, jirriżulta ċar illi l-imputat mhuwiex qed jikkontesta l-pussess tar-raża tal-*cannabis* fil-jum in kwistjoni u x-xhur ta' qabel, iżda qed jikkontesta l-aggravanti tal-istess ossia illi tali droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu. Fid-dawl tax-xhieda tal-imputat, kif ukoll tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni u ċioe` s-sejba tas-sustanza, li skont ir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut tirriżulta li kienet raża tal-*cannabis*, kemm fil-pussess tiegħu ġewwa Pembroke, kif ukoll ġewwa l-kamra li fiha kien jabita, m'hemmx dubju illi l-imputazzjoni (ċ) tirriżulta ppruvata fil-grad rikjest mil-liġi.

Kif ingħad, il-kontestazzjoni tal-imputat hija dwar il-pussess aggravat tal-istess droga, mertu tal-imputazzjoni (b), u t-traffikar tagħha mertu ta' l-imputazzjoni (a) u dan stante illi l-imputat isostni illi tali droga kienet intiża esklussivament għall-użu tiegħu.

Illi madankollu, minkejja wkoll illi d-difiża tagħmel diversi sottommissjonijiet in kwantu l-provi prodotti sabiex issostni t-teżi tagħha illi r-raża misjuba kienet intiża biss għall-użu tal-imputat u li m'hemmx provi suffiċjenti fil-grad rikjest mil-liġi li juru xort'oħra, il-Qorti tqis illi l-provi juru mod ieħor in kwantu l-imputazzjoni ta' pussess aggravat.

Jibda biex jingħad fl-ewwel lok, illi l-ammont ta' raża li nstabet fil-pussess tal-imputat f'piż totali ta' 30.89 grammi, għalkemm mhux xi ammont tant kbir, lanqas ma huwa ammont li wieħed normalment jassoċjah ma' użu personali da parti tal-pussessur. Mill-banda l-oħra, il-Qorti m'għandhiex dubju illi l-imputat kien jagħmel użu mir-raża tal-*cannabis* u dan kemm fid-dawl tax-xhieda tiegħu u tat-tfajla tiegħu Chiara Mangio, kif ukoll tal-fatt illi ġewwa Pembroke instab fil-pussess ta' *joint*, apparti r-raża tal-*cannabis,* u fil-kamra tiegħu nstabu wkoll żewġ *crushers* li huma

sinonimi ma' użu ta' *cannabis*, liema *crushers* irriżultaw fil-posittiv għas-sustanza *Tetrahydrocannabinol.*

Madankollu, il-Qorti tinnota wkoll diversi inkonsistenzi dwar l-użu li l-imputat jgħid li kien jagħmel mill-*cannabis* fiż-żmien in kwistjoni u l-ammont ta' *cannabis* li nstab fil-pussess tiegħu. Filwaqt li l-imputat jagħti l-impressjoni li kien jagħmel użu sostanzjali mir-raża tal-*cannabis* anke qabel il-wasla tiegħu f'Malta, tant illi jgħid illi kien ipejjep bejn għaxar u anke ħmistax-il *joint* kuljum, dan ma jikkombaċjax ma' dak li huwa wkoll xehed u ċioe` illi f'Malta bejn Jannar u Mejju 2015 (għajr għal ġimgħa li għamel f'pajjiżu), huwa kien xtara biss biżżejjed raża biex jagħmel tliet *joints* għal lejl wieħed f'Paceville, u li skont hu, għal dan il-għan kien xtara 2 jew 3 grammi. Issa apparti illi anke żewġ jew tliet grammi huma eċċessivi fil-fehma tal-Qorti għal tliet *joints*, wieħed ma jippretendix illi l-imputat li tant skont hu, kellu vizzju qawwi tal-*cannabis*, ipejjep biss f'Malta tliet *joints* fuq temp ta' erba' xhur u dan minkejja li skont hu, kien imur l-iskola. Effettivament skont l-imputat, minkejja dan il-vizzju tant sostanzjali li jgħid illi kellu, apparti dawn it-tliet *joints* li għalihom xtara r-raża f'Jannar, huwa reġa' xtara d-droga biss lejn l-aħħar ta' Mejju 2015, meta allura skont il-verżjoni tiegħu u tat-tfajla tiegħu, iltaqa' ma' din tal-aħħar. Dan lanqas ma jikkombaċja mal-allegat użu ta' natura tant sostanzjali li anke Mangio tgħid illi kien jagħmel l-imputat mid-droga. Fix-xhieda tagħha hija tgħid illi kien ipejjep anke seba' jew tmien *joints* kuljum, speċjalment meta ma kienx ikun xogħol, iżda meta bdew jiffrekwentaw iżjed lil xulxin f'Awwissu 2015, hija kienet talbitu biex inaqqas mill-konsum tar-raża u skont hu, beda fil-fatt inaqqas. Jekk l-imputat kien tant ipejjep raża f'Mejju 2015 u fix-xhur ta' wara sakemm Mangio qaltlu biex jibda jnaqqas u jekk Mangio u hu bdew jiffrekwentaw iżjed lil xulxin f'Awwissu 2015, kif jista' l-imputat jispjega li minn 35 gramma jew kważi 40 gramma raża li xtara lejn l-aħħar ta' Mejju, kien fadallu kważi 31 grammi fil-pussess tiegħu sal-aħħar ta' Settembru 2015? Ix-xhieda tal-imputat hija inverosimili f'diversi aspetti: Jekk fl-ewwel lok bejn Jannar 2015 u Mejju 2015 huwa kkonsma biss tliet *joints* f'lejl jew skont hu, bejn żewġ grammi u tlieta grammi raża, kif f'daqqa waħda f'Mejju 2015, huwa xtara bejn 35 u 40 gramma raża? U jekk f'Mejju 2015, meta Mangio ltaqgħet miegħu, din kienet tant tarah jagħmel użu mir-raża, kważi ta' kuljum, tant li meta daħlet f'relazzjoni miegħu, qaltlu biex inaqqas, kif kien fadallu tant raża sal-aħħar ta' Settembru 2015, meta skont hu kien xtara biss darba lejn l-aħħar ta' Mejju? Jekk skont hu, f'lejl kien kapaċi jpejjep bejn żewġ grammi u tliet grammi, jew anke għaxar jew ħmistax-il *joint* kuljum, jew skont Mangio anke seba' jew tmien *joints* kuljum, jew 22 gramma f'ġimgħa jew anke f'inqas żmien, jew anke skont hu, bejn żewġ grammi u erba' grammi f'jum meta ma kienx ikun xogħol, għalkemm kien ġieli wkoll ma jpejjep xejn, kif fuq perjodu ta' erba' xhur allura l-

imputat pejjep biss bejn erba' u disa' grammi[9]? Iżjed u iżjed meta skont l-imputat donnu doża f'*joint* li kien jagħmel hu kienet tammonta għal kważi gramma u dan għaliex f'punt minnhom jgħid illi xtara bejn żewġ u tliet grammi biex jagħmel tliet *joints* u mbagħad jgħid ukoll b'referenza għal *joint* u r-raża li nstabu fuqu ġewwa Pembroke, illi huwa kien wiżen din ir-raża qabel u kellha piż ta' 8.5 grammi u li stante li kien għadu kif għamel *joint*, kien għad fadallu xi gramma inqas.

Fit-tieni lok, kuntrarjament għal dak li tissottometti d-difiża, in-notamenti li ġew elevati mill-kamra tal-imputat ma jħallux dubju illi d-droga li nstabet fil-pussess tiegħu ma kinitx intiża għall-użu esklussiv tiegħu. L-indizzji li joffru dawn l-istess dokumenti huma ċari, filwaqt li l-konnessjoni tagħhom mal-istess imputat hija wkoll evidenti. F'dan ir-rigward il-Qorti tqis illi minkejja ċ-ċaħda tal-imputat illi dawn il-karti kienu tiegħu, dawn instabu fuq il-gradenza fil-kamra li huwa kien ilu jikri sa minn Mejju 2015. Huwa diffiċli ferm li din il-Qorti temmen illi l-imputat ħalla fuq il-gradenza fil-kamra li kien jikri, karti li ma kinux tiegħu għal erba' xhur sħaħ, speċjalment fid-dawl ta' dak li jimplikaw dawn in-notamenti. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis ukoll illi l-kitba fuq l-istess notamenti hija bil-lingwa Taljana, fil-waqt illi għalkemm l-imputat donnu jagħmel enfasi fuq il-fatt illi l-bieb tiegħu ma kienx jissakkar, huwa jgħid ukoll illi ż-żewġ persuni l-oħra li kienu jabitaw fl-istess fond miegħu kienu ta' nazzjonalita` Marokkina u li huwa biss kien Taljan. Mhux biss iżda wħud mill-karti li nstabu jidhru li huma provenjenti minn *restaurant*, tant illi fuqhom wieħed jara l-kliem *"Table No"* u *"Covers"*, għalkemm fl-ebda waħda minnhom ma jidher l-isem tar-*restaurant* li fih kien jaħdem l-imputat u in oltre f'karta minnhom, hemm anke l-kelma '*mance'*, ukoll sinonima ma min bħal l-imputat kien jaħdem bħala *waiter*. Fin-notamenti tidher ukoll diversi drabi l-kelma '*fumo*' u anke tidher ukoll il-frażi '*fumo Malta'*. F'dawn iċ-ċirkostanzi, meta wieħed iqis illi l-imputat huwa ta' nazzjonalita` Taljana, illi kien jaħdem proprju bħala *waiter* f'*restaurant*, u illi d-droga li kien juża kienet raża tal-*cannabis,* apparti li tali karti nstabu proprju f'kamartu, fejn instabu wkoll ir-raża tal-*cannabis* u anke miżien elettroniku, il-Qorti m'għandhiex dubju illi dawn il-karti kienu jappartjenu proprju lill-imputat odjern. Imbagħad, daqstant ieħor il-Qorti m'għandhiex dubju illi dawn in-notamenti jirreferu għad-droga, għaliex apparti l-kelma '*fumo*', hemm ukoll numri bl-ittra 'g' ħdejhom, b'referenza ċara għal grammi u noti bħal '*Fumo Ciccio dato a Ciccio 47 – 10g Miei*' u vleġġa mill-isem 'Ciccio' għal '*37g*', apparti notament ieħor '*Ambrosio mi deve 150€'* ħdejn id-data '*28/07/2015*'. Dan flimkien ma' varji notamenti oħrajn b'piżijiet fi grammi, b'ismijiet ħdejhom u ċifri ta' flus.

---

[9] Dan qed jingħad in kwantu kemm il-darba huwa xtara 40 gramma, allura meta wieħed inaqqas 30.89 grammi, ifisser li kkonsma 9.11 grammi, mentri kemm il-darba huwa xtara 35 gramma, meta wieħed inaqqas 30.89 grammi, jibqa' 4.11 grammi.

Illi provi ndizzjarji huma pjenament ammissibbli fi proċeduri penali u effettivament provi ta' din ix-xorta jassumu relevanza akbar fir-rigward ta' l-akkuża tal-pussess aggravat, tant illi d-distinzjoni fundamentali bejn il-prova meħtieġa fir-rigward ta' akkuża ta' traffikar u dik tal-pussess aggravat hija preċiżament in-natura tal-prova meħtieġa sabiex jiġi pruvat wieħed jew l-ieħor minn dawn ir-reati. Fil-każ tal-pussess aggravat, in-natura tal-prova hija ta' dawk iċ-ċirkostanzi li juru li d-droga li tkun instabet fil-pussess tal-imputat ma tkunx intiża għall-użu esklussiv tiegħu.

Fir-rigward ta' provi ta' din il-natura, il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tal-15 ta' Jannar 2009 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. omissis, Rida Salem Suleiman Shoaib, omissis** qalet is-segwenti:

*"Kif inhu risaput, prova indizzjarja fil-kamp penali tista' tkun ferm aktar importanti minn prova diretta, izda tali prova ghandha dejjem tigi ezaminata bl-akbar reqqa. Il-principji li jirregolaw dan il-kamp tal-provi huma spjegati fi* ***Blackstone's Criminal Practice 2008*** *hekk:*

*"Circumstantial evidence is to be contrasted with direct evidence. Direct evidence is evidence of facts in issue. In the case of testimonial evidence, it is evidence about facts in issue of which the witness claims to have personal knowledge, for example, 'I saw the accused strike the victim'. Circumstantial evidence is evidence of relevant facts, i.e. facts from which the existence or non-existence of facts in issue may be inferred. It does not necessarily follow that the weight to be attached to circumstantial evidence will be less than that to be attached to direct evidence. For example the tribunal of fact is likely to attach more weight to a variety of individual items of circumstantial evidence, all of which lead to the same conclusion, than to direct evidence to the contrary coming from witnesses lacking in credibility.*

*"Circumstantial evidence 'works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities' (DPP v. Kilbourne [1973] AC 729 per Lord Simond at p. 758). Pollock CB, likening circumstantial evidence to a rope comprised of several cords, said:*

*'One strand of the cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction, or more than a mere suspicion; but the whole, taken together, may create a strong conclusion of guilt, that is, with as much certainty as human affairs can require or admit of.' (Exall (1866) 4 F & F 922 at p. 929). "However, although circumstantial evidence may sometimes be conclusive, it must always be*

*narrowly examined, if only because it may be fabricated to cast suspicion on another. For this reason, it has been said that: 'It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference' (Teper v. The Queen [1952] AC 480, per Lord Normand at p. 489). Nontheless, there is no requirement, in cases in which the prosecution's case is based on circumstantial evidence, that the judge direct the jury to acquit unless they are sure that the facts proved are not only consistent with guilt but also inconsistent with any other reasonable conclusion (McGreevy v. DPP [1973] 1 WLR 276)."*

u b'referenza għall-mertu quddiemha esprimiet ruħha kif isegwi:

*"... Din il-Qorti, filwaqt li hi lesta li tikkoncedi li individwalment, u cioe` jekk kull cirkostanza tittiehed wahedha u in izolament, kien ikun ferm difficli ghall-gurija li tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, l-istess ma jistax jinghad jekk dawn ic-cirkostanzi jittiehdu fl-assjem taghhom kif ukoll flimkien ma' xi cirkostanzi ohra li l-appellant ghazel li ma jirriferix ghalihom fir-rikors ta' appell tieghu."*

Minkejja illi verament li l-Prosekuzzjoni setgħet ġabet prova pożittiva fis-sens illi l-kitba fuq dawn id-dokumenti kienet tal-imputat, iċ-ċirkostanzi kollha u l-provi indizzjarji fuq imsemmija jwasslu l-Qorti biss għall-konklużjoni waħda u ċioe` illi dawn in-notamenti kienu jappartjenu lill-imputat u in oltre kienu jinvolvu d-droga b'tali mod, illi abbinati mal-varji inkonsistenzi fil-verżjoni tal-imputat meta ġie biex jispjega l-ammont ta' droga misjuba fil-pussess tiegħu, il-Qorti m'għandhiex dubju illi d-droga hekk misjuba ma kinitx intiża għall-użu esklussiv tiegħu.

In oltre ftit li xejn huwa kredibbli dak li jingħad dwar il-flejjes elevati mill-pussess tal-imputat. Għalkemm mhuwiex dubitat illi l-imputat kellu impjieg u introjtu kostanti sa minn Mejju 2015, ftit li xejn huwa possibbli, minn dak li huwa stess jgħid, illi huwa kien faddal is-somma ta' €1,705 minn dan l-introjtu. Jirriżulta illi l-paga gross li l-imputat rċieva sal-24 ta' Settembru 2015 kienet ta' €4,582.13, u dan kif jirriżutla minn Dok. AT esebit mill-imputat stess[10]. Skond l-imputat, il-kera mensili tal-kamra li fiha kien jirrisjedi kienet ta' €250 u kien iħallas ċirka €50 għad-dawl u l-ilma, għalkemm dawn tal-aħħar ma kienx iħallashom mensilment. Mill-istess paga, skont hu nefaq ukoll €400 fi droga li xtara proprju f'Mejju 2015. Jekk mid-dħul gross ta' €4,582 titnaqqas l-ispiża relatata mal-kera tal-fond fis-somma ta' €1,250, kif ukoll dawl u ilma, il-prezz tad-droga fis-somma ta' €400, is-somma elevata ta' €1,705 u s-somma ta' kontribuzzjonijiet soċjali fis-somma ta' €265.23,

[10] Ara a fol. 151 tal-proċess.

jifdal somma ta' ċirka €862. Din hija s-somma li skont l-imputat huwa għex biha fuq medda ta' ħames xhur sħaħ, u ċioe` medja ta' ċirka €45 fil-ġimgħa! Vera li bħala *waiter* x'aktarx kien jaqla' wkoll it-*tips*, iżda lanqas ma ġab prova tal-ammont ta' dawn, oltre illi wieħed irid iqis ukoll illi l-imputat kien jeħtieġlu jimla l-karozza bid-*diesel,* jilbes, jiekol u jgħix.

Għaldaqstant, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet magħmula iżjed 'il fuq, il-Qorti tqis illi l-imputazzjoni (b) tirriżulta ippruvata fil-grad rikjest mil-liġi.

Jibqa' biss illi l-Qorti tiddetermina l-imputazzjoni (a) ossia dik li tikkontempla t-traffikar tar-raża tal-*cannabis.* Jirriżulta ċar mill-provi prodotti illi l-imputat ġie addebitat b'din l-imputazzjoni a bażi ta' dak li jgħid fl-istqarrija tiegħu, liema stqarrija iżjed 'il fuq, ġiet dikjarata inammissibbli. Altrimenti jirriżulta illi fl-20 ta' Settembru 2015, fil-waqt illi l-imputat kien laħaq rembel *joint* għalih u għal sħabu u kien għadu kif qabbad dan il-*joint,* waslu l-pulizija u għalhekk ma jidhirx u lanqas jirriżulta illi sħabu laħqu kkunsmaw mill-istess. Dan ifisser illi għalkemm jirriżulta illi l-intenzjoni tal-imputat kienet illi jikkonsma mir-raża tiegħu mal-persuni li kienu fil-vettura miegħu, f'liema każ allura kien jirriżulta t-traffikar *by sharing*, il-prova tal-element materjali tar-reat hija nieqsa. Dawn iċ-ċirkostani jwasslu għall-ħtija ta' pussess aggravat *by sharing*, iżda fi kwalunkwe każ, l-imputat diġa` qed jinstab ħati tal-imputazzjoni (b).

Għaldaqstant, il-Qorti ma tqisx illi l-imputazzjoni (a) tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Għal fini ta' piena, il-Qorti qegħda tqis in-natura serja tal-imputazzjoni (b), kif ukoll iċ-ċirkostanzi tal-każ, b'mod partikolari l-ammont ta' droga misjuba fil-pussess tal-imputat.

Tqis ukoll l-imputazzjoni (ċ) bħala assorbita fl-imputazzjoni (b).

In oltre stante illi mill-atti ma tirriżultax prova dwar x'somma mill-flus kontanti esebiti bħala Dokument JC 9, setgħet kienet provenjenti mid-droga, il-Qorti qegħda tordna r-rilaxx tal-istess flus kontanti favur il-ħati.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, kif ukoll l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9, qed issib lill-imputat mhux ħati tal-

imputazzjoni (a) miġjuba kontra tiegħu u qegħda tilliberah minnha, fil-waqt illi qed issibu ħati tal-imputazzjonijiet (b) u (ċ) u tikkundannah għall-piena ta' disa' (9) xhur priġunerija effettiva – mil-liema għandu jitnaqqas iż-żmien li l-ħati nżamm taħt arrest preventiv in konnessjoni mar-reati li tagħhom qed jinstab ħati permezz ta' din is-sentenza - u multa ta' elf u mitejn ewro (€1,200).

Inoltre, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundanna lill-ħati jħallas l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti fis-somma ta' mitejn u erbgħa u għoxrin ewro u għoxrin ċenteżmu (€224.20), liema spejjeż għandhom jitħallsu fi żmien tliet xhur mil-lum.[11]

Tordna d-distruzzjoni tas-sustanza u oġġetti relatati mad-droga li jinsabu esebiti bħala Dok. JC7 u JC8 hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi process verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna r-rilaxx tas-somma ta' elf, seba' mija u ħames ewro (€1705) esebiti bħala Dokument JC9, kif ukoll iż-żewġ *mobile phones* esebiti bħala Dokument JC6, favur il-ħati.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat

[11] Il-Qorti mhijiex qegħda tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-espert Dr. Martin Bajada, stante illi s-sejbien tal-ħtija ma tirriżulta bl-ebda mod mir-relazzjoni tal-istess espert.